# Il-Beatu Ġorġ Preca

## It-Tieni Missier ta' Malta fil-Fidi

minn Christopher VELLA
Assistent Superjur - Mosta (f'isem is-Superjur u l-Qasam tas-Subien, MUSEUM.)

"Dun Ġorġ kien Pijunier fil-kateketika u fil-promozzjoni tar-rwol tal-lajċi fl-appostolat, li l-Konċilju (Vatikan II) kellu jenfasizza b'mod Partikolari. Hekk hu bħallikieku sar it-tieni missier ta' Malta fil-fidi".[1]

B'dawn il-kliem tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II, nistgħu nifhmu b'mod tassew sabiħ li dan il-Beatu l-ġdid ifisser mhux biss għall-Knisja f'Malta, iżda iktar u iktar għall-Knisja Kattolika Universali. Għal Malta, l-Beatu Dun Ġorġ Preca kien persunaġġ providenzjali, għaliex jekk l-Appostlu San Pawl ġabilna l-fidi, Dun Ġorġ permezz tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija MUSEUM, reġa' ġedded il-fidi tagħna u bnieha fuq sisien soda: is-sisien tat-tagħlim nisrani.



### It-Twelid u t-Tfulija

Il-Beatu Ġorġ Preca twieled nhar it-12 ta' Frar 1880, f'Nru. 53, Strada Ponente, il-Belt Valletta, iben tas-Sur Vinċenz Preca u s-Sinjura Natalina Ceravolo. Il-familja kienet tista' tgħid tat-tajjeb, bil-missier, merkant u wara anke spettur sanitarju u l-omm li kienet għalliema ta' l-iskola. Ta' età żgħira, Dun Ġorġ u l-familja tiegħu marru joqgħodu l-ewwel fir-raħal ta' B'Kara u aktar tard fil-Ħamrun, dejjem minħabba l-esiġenzi tax-xogħol tal-Missier.[2] Huwa beda l-istudji tiegħu fl-iskola tal-Gvern u wara għadda l-eżami biex jidħol fil-liċeo, waħda mill-ftit skejjel sekondarji li kien hemm dak iż-żmien f'Malta.

Meta kien il-liċeo, iż-żagħżugħ Ġorġ kien student tajjeb ħafna tant li rebaħ ukoll xi premijiet. Madankollu, Ġorġ ma kienx xi bniedem sportiv, u mhux l-ewwel darba li kien jitħalla l-aħħar wieħed biex jintgħażel għal-logħob. Hu stess kien iħobb jgħid li meta kien student, kien qisu tiġieġa mgħaxxa, u kulħadd kien iballatlu fuq dahru.[3] Għaldaqstant, Ġorġ ġralu skond kliem Kristu: l-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka. Għalhekk, dan iż-żagħżugħ, li fi tfulitu ma kienx jidher jispikka aktar minn sħabu, kellu jkun l-

għodda magħżula sabiex Alla jagħmel il-ġid qalb il-poplu nisrani. Kien Alla stess li nebbaħ lil Dun Ercole Mompalao, għalliem fil-Liċeo, biex jagħmillu profezija: *"Preca, int għad tikber u nies li jirrispettaw 'l Alla jidħlu fil-familjarita` miegħek, u inti magħhom. Int għad issib xortik magħhom u huma jsibu xortihom miegħek".*[4] F'dawk il-ġranet, iż-żagħżugħ Ġorġ ftit li xejn ta każ ta' dawn il-kliem. Aktar tard però, ħass is-sejħa għas-saċerdozju u ftit żmien wara sab ruħu s-Seminarju. F'Diċembru ta' l-1906, Dun Ġorġ ġie ordnat saċerdot minn idejn l-Isqof Pietru Pawl Pace. Ftit qabel ma qaddes, Dun Ġorġ għadda minn marda kerha li wasslitu f'xifer il-mewt, tant li l-Professur Meli bassar li ż-żagħżugħ kellu jmut ma jdumx. Madankollu, Dun Ġorġ ma mietx, għaliex l-Id t'Alla kienet fuqu. Il-Mulej Alla kellu pjanijiet kbar imħejjija għalih ...

## Fundatur

Minn kmieni f'ħajtu, Dun Ġorġ ħass xewqa kbira sabiex jgħallem u jnaqqas l-injoranza reliġjuża li kien hawn fi gżiritna. Meta kien għadu djaknu, Dun Ġorġ kiteb abbozz ta' Regola bil-latin, imsejħa ***Regula Eptangelorum***, li fiha Dun Ġorġ fassal grupp ta' djakni permanenti li kellhom jispeċjalizzaw fit-tagħlim nisrani. Dun Ġorġ milli jidher kien qed jippjana li jibgħat dan l-abbozz lill-Papa ta' dak iż-żmien għall-approvazzjoni.[5] Madankollu, minħabba xi raġuni jew oħra, Dun Ġorġ ma għamel xejn minn dan. Jidher però li fl-1906, Dun Ġorġ beda jlaqqa' xi żgħażagħ f'għalqa imsejħa tat-Titotla, quddiem il-Knisja ta' San Gejtanu, il-Ħamrun.[6] Minn dan il-grupp żgħir, Dun Ġorġ kellu jgħaġen l-ewwel grupp ta' soċji tiegħu. Nifhmu aktar dan il-proġett ta' Dun Ġorġ meta nqisuh fil-kuntest storiku tiegħu.

Malta fil-bidu tas-seklu għoxrin kienet soċjetà b'kultura u tradizzjoni qawwija ta' Kattoliċiżmu, tant li l-istess Papa Piju XI kien sejħilha *'Nobilissima u Kattoliċissima'*.[7] Ir-reliġjon kienet mhux biss tifforma l-bażi tal-ħajja Maltija, iżda aktar minn hekk, kienet l-istess qalba tas-soċjeta`. Għalhekk, *"waqt li l-Knisja Parrokkjali tiddomina fuq il-bini l-ieħor tar-raħal, hekk ukoll tiddominah soċjalment, għax il-knisja hi f'kull sens, il-fus li madwaru ddur il-ħajja tar-raħal".*[8] Il-Maltin kienu jħobbuha r-reliġjon tagħhom, però sfortunatament, il-fidi tagħhom, kienet mibnija fuq superstizzjonijiet u devozzjonaliżmu. Dan kien ifisser li l-fidi tal-poplu ma kinitx mibnija fuq is-sod, u għalhekk ma' l-ewwel maltempata qawwija, il-fidi setgħet titfarrak faċilment. Dun Ġorġ għaraf id-djufija tal-fidi Maltija u nduna li din setgħet tissaħħaħ biss permezz tat-tagħlim, li hu kien spiss isejjaħlu *"l-għajn ta' kull ġid"*.

Barra minn hekk, kienu żminijiet ukoll ta' meta l-Knisja kienet għadha m'għarfitx l-importanza tal-lajċi, tant, li dawn, ftit kellhom sehem fil-ħajja pastorali tal-Knisja. Infatti, għaqdiet tal-lajċi nsara lanqas biss kienu jeżistu. F'dan il-kuntest, jidħol Dun Ġorġ, li joħloq din



l-għaqda tal-lajċi mibnija fuq it-tagħlim. B'hekk Dun Ġorġ kien pijunier kbir, għaliex, dawn iż-żewġ aspetti ma tantx kienu jingħataw wisq importanza f'dawk iż-żminijiet. Kien biss il-Konċilju Vatikan II fid-Dokument ***'Appostolicam Actuositatem'*** li enfasizza il-bżonn tal-lajċi fil-knisja u s-sehem tagħhom fil-ħajja tal-Knisja. Barra minn hekk il-Knisja bdiet tagħraf dejjem iżjed l-importanza tat-tagħlim nisrani u l-bżonn li jiġi organizzat tajjeb. Dun Ġorġ għaraf il-bżonn kważi sittin sena qabel il-Konċilju u ħoloq soluzzjoni preċiża: is-Soċjeta` tal-MUSEUM. Fis-7 ta' Marzu 1907, Dun Ġorġ kera' l-ewwel dar tal-Museum, li kienet iġġib l-isem 'In-Numru Sei' u fiha bdew jiltaqgħu l-ewwel grupp ta' żgħażagħ Museumini. Wara ftit taż-żmien, intgħażel l-isem MUSEUM, jew aħjar ***MAGISTER UTINAM SEQUATUR EVANGELIUM UNIVERSUS MUNDUS*** li jfisser 'Mgħallem, O li kieku d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju tiegħek'. Mill-ewwel, bdiet tinxtered f'ħafna mill-ibliet tal-port il-kbir, u wara bdiet tinxtered fl-irħula aktar imbegħdin. Fl-1910, Dun Ġorġ ta bidu għall-fergħa tan-Nisa, li malajr qabdet kemm f'Malta, kif ukoll f'Għawdex.

Madankollu, Dun Ġorġ ma sabx triq faċli fit-twettiq ta' dan il-proġett qaddis. Għall-kuntrarju kellu jħabbat wiċċu ma' ħafna tfixkil, anke minn nies imlaħħqa fil-Knisja li ftit fehmu dan il-proġett kbir spiritwali. Kien hemm min xewwex kontra Dun Ġorġ u mhux l-ewwel darba li dawn il-vuċijiet xewwiexa kkonvinċew lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi biex jieħdu azzjoni qawwija kontra Dun Ġorġ. Hekk, fl-1909, il-Vigarju ta' l-Isqof ordnalu jagħlaq id-djar kollha. Hawn naraw lil Dun Ġorġ jobdi dan il-kmand diffiċli b'umiltà kbira - ħaġa li impressjonat lil ħafna nies, inkluż bosta mill-Kardinali li ġew mitluba jagħtu l-parir tagħhom fuq il-qdusija ta' Dun Ġorġ.[9] Ma kienx għadu laħaq għalaq ħlief qasam wieħed li l-kappillani ma marrux għand l-Isqof u talbuh ibiddel id-deċiżjoni tiegħu. Għaldaqstant, Dun Ġorġ xorta kellu jsofri għadd kbir ta' tgħajjir fil-gazzetti lokali fl-1914, u l-għaqda tiegħu ġiet sottomessa għall-inkjesta rigoruża mill-Kurja ta' l-Arċisqof fis-snin 1917-18.[10] Wara ħafna taqtigħ il-qalb, l-Arċisqof ta' Malta ta' dak

iż-żmien, Dom Mauru Caruana, fl-1932, approva lis-Soċjetà tal-MUSEUM u sejħilha wkoll *'l-id il-leminija tiegħu'*.[11]

Minn dak iż-żmien, is-Soċjetà li Dun Ġorġ waqqaf, kompliet tinxtered mal-kumplament tal-gżejjer Maltin, inkluż fil-Mosta, fejn il-MUSEUM waqqaf żewġt idjar, waħda tal-bniet, li twaqqfet f'Ottubru 1945. Il-MUSEUM inxtered ukoll barra minn xtutna, b'mod speċjali fl-Awstralja, l-Ingilterra, l-Albanija, s-Sudan u l-Kenya. Illum is-Soċjetà ta' Dun Ġorġ tgħodd madwar 1100 membru bejn Soċji u Soċji Bniet.[12]

## Dun Ġorġ u l-Maltin

Spiss tiltaqa' ma' nies li jiftakru lil Dun Ġorġ ħaj, u kull wieħed u waħda minnhom dejjem jgħidu kemm Dun Ġorġ kien bniedem qaddis. Ridt biss tiltaqa' miegħu, u tħoss li dan il-qassis xwejjaħ ma kienx qassis komuni, iżda kien tassew bniedem t'Alla. Kull darba li kien jagħmel xi lezzjoni waqt xi Sajda Museumina, mijiet kbar ta' nies kienu jinġabru u xejn ma kienu jiddejqu jisimgħuh, anke jekk kien jiskorri s-siegħa. Il-lezzjonijiet tiegħu ma kinux paneġirki, u lanqas priedki tradizzjonali. Il-kelma tiegħu persważiva kienet tolqot lil kull min kien jisma', u dan għax kull kelma li kien jgħid kienet toħroġ minn qalbu. Tant kellu fama ta' qaddis, li n-nies kienet tiġri warajh, u tara kif tagħmel biex forsi tkellmu, u anke tmissu. Minn kmieni f'ħajtu, il-fama li kien qaddis kienet tiġri miegħu kullimkien u kienu bosta li stqarru li sar xi miraklu magħhom bl-interċessjoni ta' Dun Ġorġ, inkluż id-domni li kien ibierek, u anke xi ittra li rċevew minn għandu. Dun Ġorġ dejjem kellu xi kelma ta' ġid għal kulħadd, għax kien tassew il-qaddis tal-poplu.[13]

## Il-Qdusija ta' Dun Ġorġ

Mhuwiex possibli li f'dan l-artiklu nsemmu l-aspetti kollha dwar il-qdusija ta' Dun Ġorġ. Biss, insemmu uħud mill-kwalitajiet tiegħu li huma tant eżemplari għalina llum. Dun Ġorġ kien bniedem umli li kien jiddejjaq mill-unuri, tant li meta l-Isqof ried jagħmlu Monsinjur, Dun Ġorġ sewwed qalbu, flok ma ħa pjaċir. Kien bniedem li kien magħqud ma' Alla fit-talb. Biżżejjed tħares lejn il-130 ktieb li huwa kiteb u d-diversi talbiet li niseġ bil-pinna tiegħu biex tinduna kemm kien tassew bniedem ta' talb. Il-quddiesa tiegħu kienet laqgħa ta' imħabba ma' Alla, li kien isejjaħlu l-uniku teżor tal-qalb.

Fuq kollox kellu devozzjoni qawwija lejn il-kliem 'VERBUM DEI CARO FACTUM EST' li jfissru 'L-Iben ta' Alla sar Bniedem', u xerred devozzjoni qawwija lejn dawn il-kliem. Kellu wkoll imħabba speċjali lejn il-Madonna, taħt id-diversi titli tagħha. Għalhekk kien iħeġġeġ id-devozzjoni lejn il-labtu tal-Madonna, lejn il-Midalja Mirakoluża, lejn il-Madonna tal-Verbum Dei u l-Madonna tal-parir it-tajjeb, kif ukoll lejn it-talba tar-Rużarju. Barra minn hekk irridu nsemmu wkoll l-imħabba kbira lejn l-Ewkaristija u anke lejn il-Kurċifiss li għal Dun Ġorġ kien *Il-Ktieb il-Kbir*. Dan, għaliex fi Kristu Msallab, Dun Ġorġ kien jagħraf l-egħref għajn ta' tagħlim. Fis-salib, Dun Ġorġ ra l-ubbidjenza, l-imħabba, l-umilta`, il-maħfra u tant virtujiet oħra li aħna l-insara mitluba nimitaw. Dun Ġorġ kien iħobb jagħfas fuq il-ħniena u l-ġustizzja ta' Alla, iżda fuq kollox qatt ma kien jehda jitkellem dwar l-imħabba kbira ta' Alla għalina.

## Il-Mewt u l-Kawża ta' Dun Ġorġ

Dun Ġorġ Preca miet ġewwa Santa Venera nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Lulju 1962, fl-età ta' 82. Malta kollha bkietu, u ħarġet bl-eluf biex tagħtih l-aħħar tislima







f'wieħed mill-ikbar funerali li qatt saru f'Malta. Imma l-ġrajja ta' Dun Ġorġ ma spiċċatx hawn. In-nies iktar minn qatt qabel kienet temmen li Dun Ġorġ kien qaddis, u għalhekk fl-1975, l-ET l-Arċisqof Mikiel Gonzi ta' bidu għall-kawża tal-Beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ. Sal-1983, sar il-proċess djoċeżan li matul il-263 seduta li saru, telgħu 88 xhud u ngabru 1578 paġna ta' Atti. Fl-1988, l-Atti kollha ġew ippreżentati Ruma fejn beda l-istudju fuqhom. Fl-1998, il-Postulazzjoni tal-kawża mmexxija mill-Postulatur Mons. Charles Scicluna ppreżentat il-*Positio Super Virtutibus* lis-Santa Sede. Dan huwa dokument importanti ħafna li kien jiġbor fih il-materjal kollu dwar il-ħajja u l-virtujiet ta' Dun Ġorġ.[14] F'Lulju 1999, il-Papa Ġwanni Pawlu II iddikjara lil Dun Ġorġ Venerabbli u f'Jannar 2000 approva miraklu li sar fuq Charles Zammit Endrich bl-interċessjoni ta' Dun Ġorġ. Is-sur Zammit Endrich kellu distakk serju tar-retina fl-għajnejn u kien fil-periklu li jitlef id-dawl. Bl-interċessjoni ta' Dun Ġorġ, is-sur Zammit Endrich fieq għal kollox.

## Il-Beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ

Nhar id-9 ta' Mejju 2001, il-Qdusija Tiegħu Papa Ġwanni Pawlu II iddikjara lil Dun Ġorġ Beatu, u għalhekk mudell u *"għajn naturali ta'dawl u saħħa"* għall-Knisja f'Malta.[15] Il-Papa għaraf kemm kienet kbira l-qdusija ta' dan il-beatu u wera li l-messaġġ ta' Dun Ġorġ għadu attwali fid-dinja ta' llum. Dun Ġorġ għallem il-maħfra, u l-Papa qalilna li Malta u d-dinja għandhom bżonn jitgħallmu jaħfru. Biss biss inħarsu lejn il-polarizzazzjonijiet f'pajjiżna fuq skala parrokkjali u anke skala nazzjonali, u nifhmu kemm tassew hawn bżonn tal-maħfra. Il-Papa saħaq fuq it-talba ta' Dun Ġorġ biex id-dinja kollha ssir taf bl-Evanġelju, u fuq dan il-Papa jikkummenta hekk:

Forsi ma kinitx il-ħila ta' Dun Ġorġ li jikkomunika l-arja friska tal-messaġġ nisrani li għamlitu l-appostlu kbir li kien? Mhux dan li teħtieġ Malta llum: kleru, reliġjużi, katekisti, għalliema li b'mod imħeġġeġ, ixandru l-Aħbar it-Tajba ta' dak li l-Missier għamel magħna fi Kristu? Fid-dħul tal-Millenju l-ġdid, il-Knisja tħares lejk, Malta, biex tkun aktar imħeġġa fil-mod ta' kif tgħix il-vokazzjoni appostolika u missjunarja tiegħek! Il-Knisja kollha tħares lejk!" [16]

## Konklużjoni

Kull min jixtieq xi tagħrif dwar Dun Ġorġ għandu jirrikorri fl-Oqsma tal-Museum fil-parroċċa tagħna, tas-Subien fi Triq Ġwanni Pawlu XXIII, u tal-Bniet, fi 44/48, Triq il-Pont, Mosta. Tistgħu takkwistaw kotba fuq il-ħajja tal-Beatu Ġorġ Preca, kif ukoll kotba milli kiteb hu.

**REFERENZI:**

1 *'Diskorsi tal-Papa f'Malta: Mejju 2001' fil-Kalendarju Museumin, Ġunju 2001, 229.*
2 *Anon, Dun Ġorġ: 1880-1962, (Malta, 1980), 9.*
3 *Ibid., 10.*
4 *Ibid.*
5 *Instituto Regula Eptangelorum, c 1905, Ċentru Studju Dun Ġorġ, Dar Ċentrali, MUSEUM.*
6 *A. Bonnici, Dun Ġorġ Preca: Ħajja-Xhieda-Dokumenti, Vol 1, (Malta, 1980), 156-7*
7 *Piju XI ikkwotat fl-Editorjal 'Is-Siegħa tagħna' fi Kalendarju Museumin, April 1961, 62.*
8 *J. Boissevain, Saints and Fireworks: Religion and Politics in Rural Malta, (Malta, 1993), 31.*
9 *'Ġabra qasira tal-Ġudizzji tal-Konsulturi Teoloġi', fi Kalendarju Museumin, Awissu 1999, 278.*
10 *A. Bonnici, Dun Ġorġ, Vol 2.*
11 *Editur, 'Aħna u s-Soċjeta' Tagħna', fi Kalendarju Museumin, Jannar 1952; F. Camilleri, 'Ġrajja ta' Ferħ għal Dun Ġorġ u l-għaqda tiegħu', fi Rivista Dun Ġorġ, Nru. 5, (1973), 12; Anon, 'Ġrajja Storika għas-Soċjeta' Museumina', fi Rivista Dun Ġorġ, Nru. 32, (1992), 15.*
12 *Ara C. Vella, 'The Society of Christian Doctrine, 1907-1981: Aspects of a History', (Unpublished B A Hons. Diss., 2001).*
13 *Għal aktar tagħrif dwar dan is-suġġett ara F. Sammut, Dun Ġorġ: Il-Bniedem tal-Poplu, (Malta, 2001); A. Bonnici, Dun Ġorġ, Vol 3, (Malta, 1982), 32, 35, 37, 184-193; C. Borg, 'Society of Christian Doctrine, 1907-1950: A social History', (Unpublished B A Hons. Diss. 2000), 118-123; A. Bonnici, 'L-Element Sopranaturali fil-Ħajja ta' Dun Ġorġ', fi Kalendarju Museumin, Nru, 6-7, (1975) 111-116; Anon, 'Dun Ġorġ u s-Sopranaturali', fi Kalendarju Museumin, Ottubru 1962, 172-173; G. Borg, Dun Ġorġ, ħabib tat-tfal, (Malta, 1979), 28-29, 40-43; A. Bonnici, Dun Ġorġ fid-dawl ta' l-ittra tiegħu, (Malta, 1977).*
14 *'Kronoloġija tal-Kawża ta' Dun Ġorġ' fi Rivista Dun Ġorġ. Nru 39, (1999).*
15 *'Diskorsi tal-Papa f'Malta f'Mejju 2001', 229.*
16 *Ibid.*

FALKUNIER BUTCHER
Prop. C. Grech
Triq il-Bwieqi, Sta. Margerita Mosta
Tel: 411704
*Jawgura l-Festa t-tajba lill-klijenti u lill- Mostin Kollha*